MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 33/2014

**Jane Agius**

**vs**

**L-Avukat Generali, Il-Ministru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali, L-Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Jane Agius (ID 161343M) datat 6 ta’ Mejju 2014 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti hija l-unika eredi ta' Carlos Chetcuti li rrizulta li miet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fit-22 ta' Frar 1995 u dan wara ssoministrazzjoni fatali ta' methadone li finalment waslet ghal *pulmonary oedema*. Jinghad li Carlos Chetcuti kien qieghed jiehu trattament mediku minhabba uzu ta' droga, izda irrizulta li f’mument fatali gie ssoministrat lilu ammont ta' 40cc methadone meta d-doza regolari kienet dik ta' 20cc u dan dejjem waqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. B'hekk huwa nghata d-doppju tad-doza mehtiega, haga li waslet ghall-finalita` tal-hajja tieghu b'mod mill-aktar prematur.

Illi kienet giet intavolata kawza fejn intalab il-likwidazzjoni ta' danni materjali, liema kawza giet finalment deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Chetcuti Vincent vs Direttur Generali Tal-Habs et (Appell Civili Numru. 608/1995/l) nhar il-1 ta' April 2014 fejn l-Qorti kkundannat lid-Direttur tal-Habs ihallas is-somma ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il ewro (€38,213) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza.

**Ksur tal-artikolu 2**

Illi l-esponent jissottometti li b'rizultanza ta' dawn ic-cirkostanzi apparti indennizz mill-istat ghal danni materjali, gie wkoll lez id-dritt fundamentali ghal protezzjoni tal-hajja hekk kif sancit fl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni

Ewropea u l-artikolu korrispettiv tal-Kostituzzjoni u cioe` l-artikolu 33. Dawn l-artikoli jighdu testwalment hekk:

*ARTICLE 2*

*(1) Everyone's right to life shall be protected by law. No one shall be deprived of his life intentionally save in the execution of a sentence of a court following his conviction of a crime for which this penalty is provided by law.*

*(2) Deprivation of life shall not be regarded as inflicted in contravention of this Article when it results from the use of force which is no more than absolutely necessary;*

*(a) in defence of any person from unlawful violence;*

*(b) in order to affect a lawful arrest or to prevent the escape of a person lawfully detained;*

*(c) in action lawfully taken for the purpose of quelling a riot or insurrection.*

*33. (1) Hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati.*

*(2) Minghajr hsara ghal xi responsabbilta` ghal ksur ta' xi ligi ohra dwar l-uzu ta' forza f'dawk il-kazijiet li huma hawnhekk izjed 'il quddiem*

*imsemmija, persuna ma ghandhiex titqies li tkun giet ipprivata mill-hajja taghha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'rizultat tal-uzu ta’ forza daqs kemm tkun ragonevolment gustifkabbli fic-cirkostanzi tal-kaz -*

*(a) fid-difiza ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiza ta’ proprjeta`;*

*(b) sabiex jigi effetwat arrest skont il-ligi jew tigi evitata l-harba ta’ persuna detenuta skont il-ligi;*

*(c) sabiex tigi meghluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew*

*(d) sabiex jigi evitat l-ghemil minn dik il-persuna ta' reat kriminali, jew jekk tmut minhabba att legittimu ta' gwerra.*

Illi huwa ben accettat li Stat ghandu zewg tipi ta' obbligazzjonijiet fl-isfera tal-protezzjoni tal-hajja. Dawn jinkwadraw ruhhom kemm f’obbligazzjonijiet pozittivi kif ukoll negattivi. F'dan is-sens jigi umilment spjegat li Stat ghandu kemm l-obbligu li ma jiehu l-ebda sehem attiv fid-distruzzjoni tal-hajja (salv ghac-cirkostanzi permessi mill-ligi) u kif ukoll jhejji sistema effettiva ghal protezzjoni tal-istess.

Illi l-esponent ihoss li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-Istat kiser iz-zewg tipi ta' obbligazzjonijiet. Dan ghaliex sejjer jigi ppruvat, kif fil-fatt diga` sehh fil-kawza civili hawn fuq surreferita, li ma kienx hemm sistema adegwata ta' protezzjoni fil-habs (fiI-fatt il-Qorti tal-Appell fis-sentenza hawn fuq citata rrimarkat hekk "in-nuqqasijiet fl-istruttura kienu ingenti u ilhom jigu pprattikati", u li l-persuna li finalment issomministrat id-doza fatali kienet ukoll impjegata tal-Istat u ghalhekk agent ta' l-Istat.

Illi l-livell ta' protezzjoni rikjest da parti tal-Istat skont il-gurisprudenza dwar l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa wiehed aktar elevat f’kazijiet ta' bnedmin li jinsabu fil-kustodja tieghu. Dan ghaliex huma totalment dipendenti fuq l-ghemil tal-Istat. Dan huwa aktar accenwat u aggravat f’kaz ta' bnedmin li fil-hin tal-karcerazzjoni taghhom jinsabu fi stat ta' vulnerabbilita`. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza *inter alia* ghas-sentenza fl-ismijiet Salman v. Turkija (Applikazzjoni 21986/93) moghtija mill-Qorti Ewropea nhar is-27 ta' Gunju 2000.

Illi l-esponent huwa ben konsapevoli li wiehed mill-argumenti ewlenin li sejrin necessarjament ifeggu f’dawn il-proceduri sejjer ikun l-utilizzar tar-rimedju ordinarju u cioe` l-ottenjiment tad-danni materjali. F'dan is-sens l-esponent qieghed jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Attard Joseph Et vs Policy Manager Tal-Malta Shipyards Fi Hdan Il-Ministeru Ghal Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-kwalita` rapprezentattiva tieghu et (Applikazzjoni No. 26/2009) moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-11 ta' April 2011.

Illi pero` qieghed jigi minn issa umilment sottomess li l-esponent ma jaqbilx ma din it-tezi. Il-binarju Kostituzzjonali jibqa' l-unika mezz disponibbli ghar-rimedju ta' ksur ta' jedd fundamentali u aktar specifikament ghal danni non pekunjarji, ghajr il-fatt li dan m'huwix dritt assolut. Irid pero` jigi ccarat li l-fatt li rimedju ghal danni morali mhuwiex rimedju assolut dan ma jfissirx awtomatikament li tali dritt ma jezistix! Din it-tezi hija wkoll sostanzjata b'gurisprudenza nostrana fosthom is-sentenza fl-ismijiet Mifsud Anthony vs Bonello Supt. Carmelo et (Appell civili Numru 176/1957/2) moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta' Settembru 2009 fejn gie deciz bl-aktar mod awtorevoli li danni morali huma l-unika mezz ta' rimedju effettiv u dan ghaliex ma jistghux, f’kazijiet bhal dak odjern jigu ekwiparati ma semplici danni materjali. Fil-fatt dik il-Qorti kienet enuncjat is-segwenti *dictum:*

*"Illi ghal dak li huwa kumpens dovut f'kawza kostituzzjonali dan kollu ssir referenza ghas-sentenza "John Mary Vella et vs Kummissariu tal-Pulizija et" fejn inghad li din il-Qorti ghandha d-dover li tipprovdi rimedju xieraq u adegwat ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Rimedju li f'kaz wara l-iehor f'cirkustanzi analogi, din il-Qorti dejjem sabitu fil-kundanna ghall-hlas ta' ammont ta' flus intiza biex tikkumpensa ghad-danni morali u fizici inflitti bhala konsegwenza tal-lezjoni tal-jedd fondamentali li jmorru lil hinn minn kull konsiderazzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni veri u proprii fit-termini tal-Kodici Civili, f'dan il-kaz naxxenti*

*ex delictum.*

Illi ghalhekk l-esponent jissottometti li kien hemm ksur kif hawn fuq spjegat.

**Ksur tal-artikolu 13**

Illi l-esponent jissottometti ulterjorment li l-fatt li l-ligi ordinarja u cioe` dik emergenti mill-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tatix rimedju ghal danni morali hija fiha nnifisha ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan qieghed jinghad ghaliex l-artkoli 1045 u l-artikolu 1046 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghtu biss lok ghal danni attwali u materjali.

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi hekk:

***ARTICLE I3***

*Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity.*

Illi dan huwa aktar aggravat f'kaz ta' ksur tal-artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni Eworpea. Dan qieghed jinghad ghaliex dawn huma l-aktar drittijiet fundamentali u l-Qorti Ewropea ikkumentat li f'kaz ta' vjolazzjonijiet simili rimedju effettiv ghandu jinkludi kumpens morali. F'dan is-sens l-esponent qieghed jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Z and Others vs (United Kingdom (App 29392/95) moghtija mill-Qorti Ewropea nhar l-10 ta' Mejju 2001 fejn intqal hekk:

*Furthermore, in the case of a breach of Articles 2 and 3 of the Convention, which rank as the most fundamental provisions of the Convention, compensation for the non-pecuniary damage flowing from the breach should in principle be part of the range of available remedies.*

Illi ghalhekk l-esponent jissottometti li peress li l-unika mezz ghal tali rimedju huwa emergent biss fl-isfera Kostituzzjonali dan huwa fih innifsu vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex f'kazijiet kongruwi m'hemmx lok ghal-rimedju effettiv.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li minhabba li l-Istat ma hejjiex sistema ta' kura adegwata gewwa l-Habs kif ukoll minhabba li kien l-Istat stess li b'negligenza kkawza l-mewt ta' Carlos Chetucuti fit-22 ta' Frar 1995 waqt li inkarcerat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin gie lez id-dritt fundamentali ta' Carlos Chetcuti ghal protezzjoni tal-hajja hekk kif sancit fl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2 Tiddikjara li l-fatt li l-artikoli 1045 u 1046 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtux lok ghal kumpens morali jew Danni non-pekunjarji fic-cirkostanzi odjerni jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti hekk kif sancit fl-artikolu 13 tal-Konvenjoni Ewropea.

3. Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettieq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tiffissa kumpens dovut bhala danni morali.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, tal-Ministru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali u l-Onorevoli Prim Ministru datata 28 ta' Mejju 2014 (fol 8) fejn esponew: -

1 Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari**:

i. Il-proceduri odjerni huma naxxenti mill-istess episodju mertu ta' proceduri civili fl-ismijiet *"Vincent Chetcuti vs Direttur Generali tal-habs*

*et”* (Appell Civili Nru 608/1995), senjatament il-mewt ta’ Carlos Chetcuti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fl-1995. Il-fatt wahdu li l-fattispecie ta’ dak il-kaz jistghu jaghtu lok ghal lanjanza ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali ma jfissirx li l-azzjoni trid tkun necessarjament wahda Kostituzzjonali jew Konvenzjonali jekk kien hemm rimedji ohra taht il-ligi ordinarja li permezz taghhom jista’ jigi ndirizzat l-ilment. In kwantu jirrizulta ghalhekk li ghall-istess fatti li dwarhom gew intavolati l-proceduri odjerni diga’ nghata lir-rikorrenti rizarciment kumplessiv ghat-telf ta’ hajja ta’ l-istess Carlos Chetcuti, isegwi li r-rimedju mill-Qrati ordinarji ghall-mertu in kwistjoni diga’ kien xieraq, effikaci u effettiv u f’dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti ghandha ghalhekk tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha.

ii. In kwantu ghal finijiet ta’ ammissibilita’ ta’ talba ta’ lanjanza kostituzzjonali, rikorrent ikun jehtieglu jipprova li wiehed mill-jeddijiet fundamentali tieghu gew jew aktarx ikunu ser jigu lezi, ir-rikorrenti odjerna Jane Agius jehtigielha fi kwalunkwe kaz tipprova l-*locus standi* taghha bhala vittma diretta u/jew indiretta ta’ lezjoni ta’ drittijiet fundamentali fil-proceduri odjerni.

iii. Illi ma hemm ebda ness bejn ir-rwol tal-Onorevoli Prim Ministru u l-mertu tal-proceduri odjerni u inoltre in kwantu l-intimati l-ohra jistghu skont il-ligi adegwatament jilqghu ghat-talbiet tar-rikorrenti, l-istess Prim Ministru mhuwhiex il-legittimu kontradittur u a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, **fil-mertu** l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bla pregudizzju ghal dan, fi kwalunkwe kaz, l-Istat diga’ ghamel tajjeb ghal kwalunkwe nuqqas tieghu fir-rigward tal-kawza tal-mewt ta’ Carlos Chetcuti wara li ottempra ruhu mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza civili Cit Nru numru 608/1995.

4. Illi dwar l-Artikolu 13 l-esponenti jeccepixxu li l-Konvenzjoni Ewropea imkien ma tiggarantixxi xi dritt generali jew assolut ghal danni morali. L-Artikolu 13 jiggarantixxi biss li fejn ikun hemm vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali ghandu jinghata rimedju effettiv. L-esponenti jsostnu li l-Artikolu 1045 u l-Artikolu 1046 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu ghal rimedju effettiv u ghalhekk huma pjenament kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fid-dawl tas-suespost ghalhekk l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ma ssib ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. David Camilleri u Dr. Joseph Gatt ghal Maurice Agius prezenti li jigi r-ragel tar-rikorrenti. Dehret Dr. Susan Sciberras ghall-intmati. Il-

Qorti rat ir-risposta tal-intimati u qieset li jkun ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u ta' din il-kawza li tisma' l-provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari flimkien ma dawk fuq il-mertu sabiex tinghata sentenza wahda. Din il-Qorti laqghet it-talba tad-difensuri tal-partijiet u ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Vincent Chetcuti vs Direttur Generali tal-Habs et" kemm tal-Prim'Istanza kif ukoll tat-Tieni Istanza, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2014. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra x'jipproducu. Il-partijiet talbu li jigu awtorizzati jressqu s-sottomissjonijiet taghhom il-miktub. Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jane Agiusipprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2014 (fol 14).

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Gatt ghall-attur u Dr Susan Sciberras ghall-konvenut. Sr Sciberras infurmat lill-Qorti li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ghalkemm giet debitament ipprezentata mhijiex fil-process, ghalkemm irrizulta li r-rikorrenti huwa notifikat. Dr Sciberras kellha tirregola ruhha u tinforma lill-Qorti f' kaz li jkun hemm bzonn li jinghata xi provvediment. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz estensivament. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Jannar 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali, tal-Ministru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali u l-Onorevoli Prim Ministru pprezentata b' rikors datat 24 ta' Ottubru 2014 (fol 37).

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti Jane Agius, li hija l-unika eredi ta' Carlos Chetcuti qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja u rimedji effettivi ghall-allegat lezjoni tad-drittijiet fundamentali tan-neputi taghha l-imsemmi Carlos Chetcuti, li miet fit-22 ta' Frar 1995 waqt li kien inkarcerat gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrenti qed tinvoka l-protezzjoni tal-**Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"] u **l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta** [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"]. Inoltre r-rikorrenti qed tilmenta li l-**artikoli 1045 u 1046** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma lezivi tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma jaghtux lok ghall-kumpens morali jew danni non-pekunjarji u talbet li jigi akkordat rimedju effettiv fosthom kumpens dovut bhala danni morali.

L-intimati l-Avukat Generali, il-Ministru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali u l-Onorevoli Prim'Ministru issollevaw diversi eccezzjonijiet, kemm ta' natura procedurali kif ukoll fil-mertu. Huma eccipew *in linea* preliminari li l-proceduri odjerni huma pernjati fuq l-istess episodju fattwali li kien il-mertu trattat fi proceduri civili ghad-danni akwiljani fil-kaz fl-ismijiet "*Vincent Chetcuti vs Direttur Generali tal-Habs et.*" deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2014.[1] Sewwa sew isostnu li r-rikorrenti gja giet soddisfatta b'rimedju xieraq, effikaci u effettiv konsistenti fl-ammont ta' danni likwidati mill-Qorti ta' l-Appell bhala kumpens pekunjarju. Eccipew inoltre li r-rikorrenti m'ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri bhala "*il vittma*" *ai fini* tat-talbiet odjerni. Fit-tielet lok jghidu li l-Onorabbli Prim'Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-

[1] Citazz. 608/1995/1

proceduri *ai termini* **tal-artikolu 181 B tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandu konsegwentement jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Kwantu ghall-eccezzjonijiet fil-mertu jirrespingu l-allegazzjoni li l-Istat kien leziv tal-artikoli invokati mir-rikorrenti u, inoltre li kontrarjament ghal-lanjanza tar-rikorrenti, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jaghtix garanzija ta' xi dritt generali jew assolut ghal danni morali imma biss jirrikjedi li ghandu jinghata rimedju effettiv f'kaz tad-dritt lez. Dan ifisser, skont l-intimati, li l-Artikolu 1045 u 1046 tal-Kodici Civili ta' Malta huma pjenament kompatibbli mar-rekwiziti tal-Konvenzjoni billi jaghtu rimedju effettiv.

Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni preliminari dwar l-*istatus* tar-rikorrenti ta' vittma, l-istess intimati, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (para 20) ikkoncedew li Jane Agius, bhala eredi ta' Carlos Chetcuti, tista' tigi kkonsidrata bhala vittma indiretta fid-dawl tal-kazistika l-aktar akkolta tal-Qorti Ewropea (**McCann and Others v United Kingdom**[2]**, Yasa v Turkey**[3]). Ghalhekk iddikjaraw li mhumiex qed jinsistu aktar dwar din l-eccezzjoni.

**<u>Rizultanzi Fattwali</u>**

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti kif jemergu mill-atti processwali tal-kaz surriferit fl-ismijiet "***Vincent Chetcuti vs Direttur Generali tal-Habs et.*** " Dawn l-atti gew allegati mal-atti ta' din il-kawza u ghandhom jitqiesu bhala parti integrali tal-process odjern. Din il-Qorti taghmel riferenza shiha ghall-accertamenti u konkluzjonijiet tal-On. Qorti ta' l-Appell, li kkonfermat, ghajr ghall-*quantum tad-danni,* is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

[2] Moghti fis-27 ta' Settembru 1995 *147, Series A no. 324*
[3] 1998 ECHR 22495/93

Ghall-kompletezza ser ticcita brani mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li jidhrilha huma l-aktar rilevanti ghall-kaz tallum. Fis-sentenza imsemmija instab li "*Carlos Chetcuti miet waqt id-detenzjoni tieghu minhabba 'pulmonary oedema' kompatibbli ma' 'fatal methadone poisoning'. Fil-fatt, jum qabel mad-detenut miet, l-assistenta tal-psikjatra tal-Facilita` Korrettiva kienet amministrat doza ta' 40cc methadone minflok dik ta' 20cc precedentement moghtija lilu. Is-Sur Chetcuti kien taht il-kura tat-tobba peress illi kellu dipendenza fuq id-droga. L-ewwel Qorti sabet kontra l-konvenuti wara li qieset li fil-Facilita` Korrettiva 'ma kienx hemm sistema ta' amministrazzjoni ta' kura ghad-detenuti tossiko-dipendenti, u kollox kien jimxi fuq 'bazi sporadika'.*"[4]

Fi kliem il-Qorti: *"Mill-atti johrog li t-trattament ta' persuni tossiko-dipendenti, fiz-zmien tad-decess tas-Sur Chetcuti, ma kienx isir b'dik l-attenzjoni u kura li trattament bhal dak jirrikjedi. Ma kienx hemm struttura li tirregola l-ghoti u t-tehid ta' methadone u jidher li kollox kien isir b'mod "amateurish" u sporadiku. Ma kienx hemm nurses kwalifikati u l-assistenta tal-psikjatra tal-Facilita` lanqas kellha stharrig f'dan il-kamp...... Kien hemm kollass totali tas-sistema ezistenti (jekk dak li kien jezisti, tista' issejjahlu "sistema"), u jidher li hadd fl-awtortita` ma kien interessat jirranga s-sitwazzjoni."*

F'dawk il-proceduri gew nominati esperti medici. Mir-rapport tat-tlett esperti medici rigwardanti l-procedura adoperata fl-epoka in kwistjoni, u li ghalih taghmel ampia referenza l-Qorti tal-prim'istanza gew ikkonstatati "*nuqqasijiet serji fl-amministrazzjoni tal-kura lil detenuti tossiko-dipendenti, u qari wahdu tar-rapport ma jistax ma jitfax dell ikrah fuq min kien responsabbli. L-ghoti ta' methadone mhix xi haga li ghandha ssir*

[4] Sentenza tal-On.Qorti ta' l-Appell pagna 16-17

*bla kontroll u minghajr analizi sew ta' x'inghata u x'ittiehed fil-passat mill-pazjent, u l-file ta' dan (jekk kien hemm) irid jinzamm b'certa attenzjoni u metikolizament, biex id-detenut jigi trattat bhala pazjent u mhix bhala numru..... Persuna li ghandha bzonn attenzjoni medika trid tinghata l-istess livell ta' kura, tkun fejn tkun rikoverata, u l-fatt li f'habs ikun hemm certu restrizzjonijiet fuq il-liberta` tad-detenuti, ma jfissirx li l-assistenza medika tista' tkun f'livell anqas milli jinghata fi sptarijiet pubblici. Persuna detenuta fil-Facilita` Korrettiva taht ordni ta' qorti, titqieghed taht il-kustodja tal-awtoritajiet governattivi kompetenti, u hu d-dmir ta' dawn li jagixxu 'uti bonus paterfamilias', u jekk detenut ikun b'xi mod "marid", jassiguraw li dan jinghata kura bid-diligenza kollha opportuna......*; *f'dan il-kaz, pero`, in-nuqqasijiet fl-istruttura kienu ingenti u ilhom jigu pprattikati. Kulhadd kien jimxi fuq dak li kien jigri qabel, u la l-Ministru u lanqas id-Direttur ma dehrilhom li kellhom jezaminaw sistema li, kellu jkun car, kienet inadegwata."*

Il-Qorti ta' l-Appell, b'konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti, ma kellha l-ebda esitazzjoni biex issib kemm lill-Ministru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali kif ukoll id-Direttur tal-Habs responsabbli ghall-akkadut. Fil-kaz tal-Ministru, sabet li l-procedura tal-ghoti ta' methadone "*kienet poor and ill defined*", fi kliem l-esperti, u "*titfa' responsabbilita` fuq il-Ministru koncernat li kellu jkun jaf b'dan u jiehu mizuri adegwati*." Sabet li d-Direttur tal-Facilita` wkoll naqas ghax dan*, "milli jidher, kien komdu jhalli in operazzjoni sistema antika minghajr ma jqis jekk dik is-sistema kienetx adegwata jew le kif kien id-dmir tieghu li jaghmel. Hemm hafna nuqqasijiet li hu kellu jirranga u/jew jissenjala ghall-attenzjoni tas-superjuri tieghu, u ma kellux ihalli topera prattika li kellu jkun jaf li kienet perikoluza ghad-detenuti involuti."*

Kliem il-Qorti ta' l-Appell, b'konferma tas-sejbien tal-ewwel Qorti, huma kliem ta' kundanna inkondizzjonata tan-nuqqasijiet sistematici u ingenti

misjuba fit-trattament ta' detenuti tossiko-dipendenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrenti takkampa fuq dawn in-nuqqasijiet inkonfutabbli meta issostni li l-Istat naqas mill-obbligu li jhares u jipprotegi l-hajja ta' Carlos Chetcuti b'lezzjoni tal-obbligazzjonijiet imposti bl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Hi ssostni li l-att leziv kien wiehed dirett, cioe`, is-somministrazzjoni tad-doza fatali ta' *methadone* minn agent tal-Istat, kif ukoll indirett in kwantu li l-Istat Malti naqas mill-obbligazzjoni pozittiva inerenti fl-artikolu 2, li thares il-hajja tad-detenut Chetcuti billi naqqset li tipprovdi sistemi u strutturi adegwati ghall-kura tieghu.

**Konsiderazzjonijiet Dwar l-Eccezzjonijiet Sollevati**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

**I Ir-rikorrenti gja ottjeniet rimedju xieraq, effikaci u effettiv.**

Din l-eccezzjoni qed tigi sollevata *ai termini* tal-proviso **ghall-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319 li** permezz tal-istess l-intimati qed jistiednu lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha.

Il-principji li jiggwidaw il-Qrati taghna fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni vestita b'dan il-proviso mhumiex kontroversjali. Dawn gew traccjati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet “**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine”** moghtija fis-7 ta’ Marzu 1994).(Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet ***"Ryan Briffa v Avukat Generali"*** deciz fl-14 ta' Marzu 2014).

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" - deciza fit-8 ta' Marzu 1995, irriteniet ukoll li "*meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.

Din il-Qorti, kif attwalment presjeduta, inoltre, gja esprimiet il-fehma li *"minn ezami akkurat tal-proviso premess ma jirrizultax li l-legislatur ried li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli."* (**Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs l-Onorevoli Prim'Ministru et -** dec. fil-5 ta' Gunju 2014).

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellha toroq legali oħra disponibbli għaliha ghall-investigazzjoni tal-akkadut, ghad-dikjarazzjoni tar-respnsabbilita` u ghar-rizarciment ghad-danni. Kontrarjament ghal dak li jokkorri f'hafna procedimenti kostituzzjonali, ir-rikorrenti gja segwiet dawn il-proceduri ordinarji b'success tant li otteniet il-kundanna tal-organi tal-Istat involuti ghall-mewt kolpuz ta' Carlos Chetcuti kif ukoll otteniet kumpens ghad-danni materjali pekunjarji (*damnum emergens u lucrum cessans)* fl-ammont mhux negligibbli ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il ewro (€38,213).

Madanakollu t-talbiet odjerni, immsejsin fuq allegat lezjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni, imorru oltre s-semplici kumpens pekunjarju in kwantu li jimmiraw precizament ghall-kumpens ghad-danni morali, liema danni morali mhumiex ikkontemplati fil-ligi civili taghna u jezorbitaw minn dak prefiss **bl-artikolu 1045 u 1046** tal-Kodici Civili.

Fil-mori ta' din il-kawza inghatat sentenza mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Brincat and others v Malta,** deciza fl-24 ta' Lulju 2014[5] fejn il-Qorti Ewropea kellha l-opportunita' li tindirizza kwistjonijiet simili ghal dawk sollevati fil-kaz tallum partikolarment it-tip ta' rimedji accessibbli ghall-vittmi ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali fl-ordinament guridiku Malti. F'din id-decizjoni, il-Qorti Ewropea esprimiet ruhha dwar ir-rimedju ghad-danni morali f'kaz ta' lezjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

Dawk il-proceduri gew istitwiti wara li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta laqghet l-eccezzjoni tal-intimati fil-kawza "**Joseph Brincat et. v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et."-** deciz fil-11 ta' April 2011 billi rrietniet hekk: "*Din il-Qorti pero`, bhall-ewwel Qorti, hija tal-fehma, li billi r-rikorrenti kienu qed jitolbu rizarciment ta' danni, l-azzjoni taht il-ligi ordinarja kienet taghtihom rimedju shih ghall-ilment taghhom. Ir-rikorrenti m'ghandhom ebda dritt ghal danni morali taht il-ligi ordinarja u l-Konvenzjoni Ewropea ma taghti ebda dritt generali jew assolut ghal danni morali f'kazijiet bhal dawn* ". Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u ghazlet li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha taht il-proviso premess. Tajjeb li jigi affermat li kontrarjament ghall-kaz odjern, ir-rikorrenti f'dik il-kawza ghazlu li jiehdu t-triq kostituzzjonali mill-ewwel minghajr ma ittentaw kawza civili propju ghaliex kienu qed jimmiraw ukoll ghad-danni morali.

---

[5] App. Numri *60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 and 62338/11* li saret finali fil-24/10/2014

Il-Qorti Ewropea ma kenitx tal-istess fehma u irriteniet "N*evertheless, the Court notes that an action in tort which is perfectly capable of awarding material/pecuniary damage does not in general provide for an award of non-pecuniary damage ("moral damage" as understood in the Maltese context)", u,* wara li kkonsidrat l-element diskrezzjonali tal-proviso, ikkonkludiet *li " In the specific circumstances of the case, the Court is therefore satisfied that the national judicial authorities were provided with the opportunity to remedy the alleged violations of the Convention but failed to do so. Consequently, from the Court's perspective, the applicants' institution of constitutional proceedings sufficed in the present case for the purpose of exhaustion of domestic remedies in respect of the substantive complaints under Articles 2, 3 and 8."*[6]

Jista' jigi ribadit li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' rimedju civili ghad-danni morali m'ghahiex kategorikament esklusa fil-ligi taghna. Recentement kien hemm sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie rikonoxxut dan ir-rimedju (Ara **Dr. Joseph Pace noe v Prim'Ministru,** deciz fl-1 ta' Gunju 2012; **Mario Gerada vs Prim'Ministru,** deciz fl-14 ta' Novembru 2012;[7] u **Linda Busuttil v Dr. Josie Muscat noe,** deciz fit-30 ta' Novembru 2010), fejn il-Qrati taghna strahu fuq l-**art.3** tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea bhala l-fonti legislattiva ghar-risarciment non-pekunjarju.

Il-Qorti ta' l-Appell, izda, ma kenitx ta' din il-fehma u in tema legali, il-posizzjoni giet iccarata bis-sentenza taghha fil-kawza **Linda Busuttil v Dr. Josie Muscat noe** moghtija fis-27 ta' Gunju 2014 fejn gie ribadit li "*Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-ewwel Qorti hu fejn qalet li l-attrici ma ppruvatx danni patrimonjali bhala lucrum cessans, u minflok illikwidat*

[6] Para 71 tad-decizjoni.
[7] Appell ghadu pendenti.

*kumpens li qiesithom danni mhux patrimonjali, li ma jirrizultax li, fl-isfond tal-ligi Maltija, jistghu jinghataw. Il-ligi ta' Malta, fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili, jaghti kumpens, taht dan il-kamp, ghal telf ta' qligh futur, u ma jidhirx li l-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li japplika biss fil-kuntest ta' crossborder interests, jista' jigi invokat f'oqsma li ma jaqghux fil-kompetenza tal-Unjoni, bhalma huwa d-dritt ghad-danni civili."* F'din is-sentenza gie rikonoxxut izda li l-Qrati taghna bdew jaghtu kumpens ghad-dannu psikologiku in kwantu dan jista' jhalli effett nociv fuq il-hajja lavorattiva tal-vittma (ad es. fil-kaz fl-ismijiet **Borg Falzon v. Korporazzjoni Enemalta,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 2013).

Fl-isfond tal-interpretazzjoni kostanti tal-gurisprudenza taghna f'dawn l-ahhar decenni dwar it-tip ta' rimedju sancit bl-artikoli 1033, 1045 u 1046 tal-Kap.16, din il-Qorti hi tal-fehma li dawn id-disposizzjonijiet jeskludu rimedju ordinarju ghad-danni morali  u r-rikorrenti ma kellhiex triq ohra ghajr ir-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali biex titlob rimedju simili.

Ghawl dawn il-motivi, meta l-Qorti tigi biex tapplika l-principji hawn fuq imfissra ghall-kaz li ghandha quddiemha ssib li ma nghatatx ragunijiet tajbin bizzejjed biex taghzel li ma twettaqx is-setghat specjali taghha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali taghha.

Ghalhekk billi r-rikorrenti qed titlob precisament rimedju non-pekunjarju fl-isfond ta' allegata lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Kovenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, hi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li r-rikorrenti ma kellhiex, fl-istat attwali tal-ligi taghna, rimedju ordinarju effettiv ghad-danni imsemmija u ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni Preliminari</u> -** Il-Prim'Ministru mhuwiex il-Legittimu Kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-intimati jinvokaw l**-artikolu 181 B tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta u jghidu li l-Avukat Generali huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u mhux il-Prim'Ministru.

L-intimati jissottomettu li l-Prim'Ministru mhuwiex responsabbli ghall-mansjoni giornaljera tal-amministazzjoni tal-habs li dwarha huwa indirizzat l-ewwel parti tal-ilment tar-rikorrenti. Rigward it-talba koncernanti l-ligi sostantiva (artikoli 1045 u 1046 tal-Kap.16) jissottomettu li filwaqt li l-Prim'Ministru huwa l-persuna li normalment jistiga l-bidu tal-process legislattiv, huwa l-Parlament li finalment jippromulga l-ligijiet. Ghalhekk isostnu li huwa l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 181B(2) tal-Kap.12 billi l-Parlament m'ghandux personalita' guridika biex jirraprezenta lilu nnifsu fil-Qrati.

Il-kwistjoni giet traccjata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza **David Aquilina v On. Prim'Ministru** moghtija fit-22 ta' Novembru 2006[8] fejn il-Qorti osservat b'riferenza ghall-introduzzjoni tal-artikolu 181B tal-Kap.12. li *"jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ċċarax għal kollox il-kwistjoni tal-leġittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn liġi jew strument ieħor li għandu s-saħħa ta' liġi....Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vot ukoll."*

[8] Rik. 42/06 JRM

Illi fi studju analitiku li sar dwar il-proċedura kostituzzjonali, b'riferenza għall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "*It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government*"[9].

Ikkonsidrat li kif gie espress f'din is-sentenza, u mill-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony P.Farrugia v l-On.Prim'Ministru et.** moghtija fis-17 ta' Novembru 2011:

*"Illi, madankollu, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att IX tal-2006, li dahal fis-sehh fis-7 ta` Lulju, 2006, iddahlet dispozizzjoni gdida fil-Kodici tal-Procedura [LArt.242(2)], li biha huwa l-Prim Ministru direttament li jinghata s-setgha u l-fakulta` li jagixxi f`kaz fejn xi ligi tkun instabet li tikser xi jedd fundamentali ta` persuna kif imhares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. B`din id-dispozizzjoni gdida, jidher li saret kjarifika li fi kwistjonijiet li jolqtu s-siwi "kostituzzjonali" ta` xi ligi fis-sehh huwa l-Prim Ministru l-persuna legittima biex tindirizza r-rimedju mehtieg …"* (ara ukoll f'dan is-sens **David Mifsud v On.Prim'Ministru et.**, moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-9 ta' Frar 2012).

**Ikkonsidrat** li filwaqt li l-ilment tal-intimati huwa f'waqtu fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni talba fejn ir-rikorrenti qed timpunja disposizzjonijiet tal-Ligi bhala lesivi tad-drittijiet

[9] J. Mifsud Bonniċi *Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and reedoms* (2004) paġ. 64

fondamentali taghha. F'dan ir-rigward ghalhekk, l-intimat l-Onorevoli Prim'Ministru jkollu *locus standi* fil-kawza imqar b'riferenza ghal dik it-talba.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet fil-Mertu.</u>**

**Ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.**

Ir-rikorrenti tikkontendi li l-Istat ma osservax l-obbligazzjonijiet imposti taht l-artikoli in ezami, sew peress li kienet impjegata statali li ssomministrat id-doza fatali lill-Carlos Chetcuti, u sew peress li ma kienx hemm sistema adegwata ta' protezzjoni fil-habs ghat-trattament ta' detenuti tossico-dipendenti. B'hekk, tissottometti, din il-Qorti ghandha ssib li l-Istat ta' Malta kiser mhux biss l-obbligu li ma jkunx il-kagun dirett ta' mewt ta' Chetcuti, izda anke l-obbligazzjonijiet pozittivi inerenti fl-artikolu imsemmi li jipprotegi l-hajja tal-individwu permezz ta' strutturi adegwati ghat-tharis tieghu. Tikkontendi li l-obbligu tal-Istat kien wiehed aktar *onerus* galadarba Carlos Chetcuti kien dipendenti fuq l-Istat minhabba li kien detenut fil-habs, u kien aktar vulnerabbli minhabba id-dipendenza tieghu fuq id-droga.

L-**Artikolu 2 tal-Konvenzjoni** jiddisponi **:**

***Article 2***

*"1. Everyone's right to life shall be protected by law. No one shall be deprived of his life intentionally save in the execution of a sentence of a court following his conviction of a crime for which this penalty is provided by law.*

*2. Deprivation of life shall not be regarded as inflicted in contravention of this Article when it results from the use of force which is no more than absolutely necessary:*

*(a) in defense of any person from unlawful violence;*

*(b) in order to affect a lawful arrest or to prevent the escape of a person lawfully detained;*

**L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi:

***33.*** *(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*

*(2) Mingħajr ħsara għal xi responsabbiltà għal ksur ta' xi liġi oħra dwar l-użu ta' forza f'dawk il-każijiet li huma hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija, persuna ma għandhiex titqies li tkun ġiet ipprivata mill-ħajja tagħha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'riżultat tal-użu ta' forza daqs kemm tkun raġonevolment ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ -*

*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiża ta' proprjetà;*

*(b) sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi;*

*(ċ) sabiex tiġi megħluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew*

*(d) sabiex jiġi evitat l-għemil minn dik il-persuna ta' reat kriminali,*

*jew jekk tmut minħabba att leġittimu ta' gwerra.*

Riferibbilment ghall-**Artikolu 2** tal-Konvenzjoni, hu pacifiku li dan l-artikolu jhaddan aspetti kemm sostantivi kif ukoll procedurali. Minnbarra dan, il-Qorti Ewropea rrikonoxxiet li dan l-artikolu jimponi mhux biss obbligu li l-Istat ma jipprivax persuna arbitrarjament mill-hajja izda li l-Istat ghandu jiehu dawk il-azzjonijiet jew mizuri pozittivi ragjonevolment mitluba biex tigi zgurata l-protezzjoni ghall-hajja (*positive obligations)*.

Huma f'dan is-sens il-kliem tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Bljakaj and Others v Croatia** tat-18 ta' Settembru 2014[10]:

"*...Article 2 enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe (see McCann and Others v. the United Kingdom, 27 September 1995, § 147, Series A no. 324). The first sentence of Article 2 § 1 enjoins the State not only to refrain from the intentional and unlawful taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see L.C.B. v. the United Kingdom, 9 June 1998, § 36, Reports of Judgments and Decisions 1998-III; and Osman v. the United Kingdom, 28 October 1998, § 115, Reports 1998-VIII*)."

[10] App.Nru. 74448/12 para 103.

Hekk ukoll fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** **[GC]** **[11]** tas-17 July 2014 il-Qorti Ewropea irriteniet hekk:

*"The positive obligations under Article 2 must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake. This is the case, for example, in the health-care sector as regards the acts or omissions of health professionals (see Dodov, cited above, §§ 70, 79-83 and 87, and Vo v. France [GC], no. 53924/00, §§ 89-90, ECHR 2004-VIII, with further references), States being required to make regulations compelling hospitals, whether public or private, to adopt appropriate measures for the protection of their patients' lives (see Calvelli and Ciglio v. Italy [GC], no. 32967/96, § 49, ECHR 2002-I). This applies especially where patients' capacity to look after themselves is limited (see Dodov, cited above, § 81).[12]"*

Kaz li kien jikkoncerna l-mewt ta' detenut fil-habs minhabba nuqqasijiet fit-trattament mediku tieghu huwa **Tarariyeva v Russia**[13] deciz fl-14 ta' Dicembru 2006 fejn il-Qorti Ewropea fissret li :

*"1. The Court reiterates that the first sentence of Article 2, which ranks as one of the most fundamental provisions in the Convention and also enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe, requires the State not only to refrain from the "intentional" taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see, for example, Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 89, ECHR 2001-III). In the context of prisoners, the Court has already emphasized in previous cases that*

[11] App.Nru.no. 47848/08,
[12] Para 130.
[13] *App. nru.. 4353/03*

*persons in custody are in a vulnerable position and that the authorities are under a duty to protect them. It is incumbent on the State to account for any injuries suffered in custody, which obligation is particularly stringent where that individual dies (see, for example, Keenan, cited above, § 91, and Salman v. Turkey [GC], no. 21986/93, § 99, ECHR 2000-VII)."*

Dan il-hsieb hu rifless fis-sentenza moghtija fil-kaz ta' **Gagiu v Rumanija**[14] tal-24 ta' Frar 2009 fejn inghad li:

*"2. L'obligation de protéger la vie des personnes détenues implique également de leur dispenser avec diligence les soins médicaux à même de prévenir une issue fatale (Taïs, précité, § 98, et Anguelova c. Bulgarie, n$^{o}$ 38361/97, § 130, CEDH 2002-IV). Le manque de soins médicaux appropriés peut constituer ainsi un traitement contraire à la Convention (Huylu, précité, § 58)."*

L-intimati jissottomettu li l-artikolu 2 u l-artikolu 33 ghandhom jinqraw *ad litteram* u japplikaw biss ghall-privazzjoni intenzjonali tal-hajja. Jghidu li ghalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet tal-habs ma vvigilawx *uti bonus paterfamilias* fuq is-sahha tal-prigunier Carlos Chetcuti, "*pero ma rrizultax li n-nuqqas da parti tal-awtoritajiet kien wiehed intenzjonat*" u ghalhekk l-Istat m'ghandux jitqies li lleda l-jeddijiet sanciti b'dawk l-artikoli.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni li ma ssibx konfort fil-kazistika tal-Qorti Ewropea fuq citata fejn jinsab ritenut li l-artikolu 2 jimponi obbligazzjoni pozittiva sostantiva u anke procedurali fuq l-Istat.

F' **L.C.B. v United Kingdom**[15] moghti fid-9 ta' Gunju, 1988, **il-Qorti Ewropea,** wara li ccitat il-principji generali li jirregolaw l-artikolu 2 **qalet**

[14] App.Nru. *63258/00*
[15] Appl. Nru. 23413/94

**hekk:** "*...... It has not been suggested that the respondent State intentionally sought to deprive the applicant of her life. The Court's task is, therefore, to determine whether, given the circumstances of the case, the State did all that could have been required of it to prevent the applicant's life from being avoidably put at risk."*

U fil-kaz **Oneryildiz v Turkey** moghti fit-30 ta' Novembru 2004[16] gie ribadit li **"***In this connection, the Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction […] The Court considers that this obligation must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities, which by their very nature are dangerous, such as the operation of waste-collection sites ("dangerous activities" - for the relevant European standards, see paragraphs 59 and 60 above).* ***Oyal v Turkey (2010)*** *Oyal v Turkey (2010) (Appl. No. 4864/05, 23 March 2010[17]"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti taghraf li Carlos Chetcuti kien fil-kustodja tal-Istat Malti meta giet somministrata doza fatali ta' methadone u dan bhala trattament ghat-tossico-dipendenza tieghu. L-ezistenza ta' ness kawzali bejn is-somministrar tad-doza fil-kuntest tan-nuqqasijiet ingenti fis-sistema adoperata fil-habs u l-mewt ta' Chetcuti huma kkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell li sabet, inoltre, lid-Direttur tal-Habs u lill-Ministru responsabbli ghall-akkadut.

---

[16] App.Nru. 48939/99
[17] Para 71.

Din l-azzjoni da parti tal-impjegata tal-Istat ma tistax, izda, titqies li kienet wahda intenzjonali u certament ma tressqux provi f'dan is-sens. Il-mewt tad-detenut kien ir-rizultat ta' sensiela ta' ommissonijiet fl-istruttura responsabbli ghall-kura tad-detenut. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-mewt ta' Carlos Chetcuti seta' gie evitat bil-kura u attenzjoni adegwata tad-dirigenti tal-Habs u mill-Ministru responsabbli li kellhom obbligu li jdahhlu sistema effettiva ghall-protezzjoni tieghu tenut kont il-posizzjoni vulnerabbli tieghu. Ghaldaqstant tikkondividi l-kundanna tan-nuqqasijiet misjuba li giet espressa mill-Qrati Civili.

**L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni**

Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex ezattament l-istess bhat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza "*Everyone's right to life shall be protected by law."* Dan il-principju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li tinkorpora biss it-tieni frazi tal-artikolu 2.

Wiehed jista' jirraguna li din il-frazi thalliet barra appozitament u ghalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indhil dirett mill-Istat.

Izda dan l-artikolu ghandu jinghata l-istess applikazzjoni bhall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett hu pacifiku li r-responsabbilita' giuridika temani mhux biss fuq att pozittiv u dirett, imma anke minn att ta' ommissjoni fejn persuna tonqos milli taghmel dak li hu mistenni ragjonevolment minnha. Att ta' ommissjoni jista' jkun leziv daqs att ta' kommissjoni.

*Inoltre*, l-obbligazzjoni sancita bl-artikolu 33 hija wahda essenzjalment tal-protezzjoni tal-hajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat ghandu jkun marbut mhux biss milli jindahal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jiehu mizuri pozittivi biex jassigura it-tharis tad-dritt, altrimenti dan l-artikolu ikun wiehed dghajjef u ineffettiv.

Ghaldaqstant u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel talba billi ssib li l-intimati responsabbli ghall-ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**<u>Lezzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrenti tissottometti li in kwantu li l**-artikoli 1045 u 1046** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jaghtux lok ghal kumpens morali jew danni non-pekunjarji fic-cirkostanzi odjerni jilledi d-dritt fundamentali taghha hekk kif **sancit fl-artikolu 13** tal-Konvenjoni Ewropea.

L-intimati eccipew li l-Konvenzjoni Ewropea imkien ma tiggarantixxi xi dritt generali jew assolut ghal danni morali. L-Artikolu 13 jiggarantixxi biss li fejn ikun hemm vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali ghandu jinghata rimedju effettiv. L-esponenti jsostnu li l-Artikolu 1045 u l-Artikolu 1046 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu ghal rimedju effettiv u ghalhekk huma pjenament kompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Fil-kaz in ezami, b'mod partikolari, isostnu li r-rikorrenti gja ottjeniet rimedju effettiv b'success ghan-nuqqasijiet tal-Istat li jopera sistema adegwata ta' kura ghal dawk id-detenuti tossico-dependendi. Dan ir-rimedju kien jaghmel tajjeb ghat-telf tal-hajja ta’ Carlos Chetcuti bil-konsewgenzi kollha li ggib maghha

inkluzi *“the changes and chances of life"* u l-“*working years expectancy."*

Ikkonsidrat li kawza kostituzzjonali ssir biex min jaghmilha jitlob rimedju effettiv ghall-ksur allegat mhux semplicement biex ikollu dikjarazzjoni ta’ ksur. Huwa minnu li f`certi cirkostanzi huwa possibbli li wiehed jirravviza s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni ta’ dritt fondamentali bhala rimedju sufficjenti. Dan, pero`, certament ma hux il-kaz tallum billi qed issir riferenza espressa ghad-danni morali fit-talbiet tar-rikorrenti.

**L-Artikolu 13** jiddisponi li *“Everyone whose rights and freedoms as set forth in [the] Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity.”*

L-awturi **Jacobs & White and Ovey,** fil-ktieb "*European Convention on Human Rights* ", (3.ed) jghidu lu "*Article 13 offers a measure of respect for national procedural autonomy; this refers to the ability of each Contracting State to determine the form of remedies offered to meet its obligations under the article....National procedural autonomy does not however, extend to the very existence of a remedy, since Article 13 requires that there is an effective remedy to enforce the substance of the Convention rights in the national legal order."*

Fil-kaz odjern, ma hemmx kwistjoni dwar mekkanizmu ezistenti sabiex giet stabbilita r-responsabbilita` ghad-decess, kif ukoll jekk dan il-mekkanizmu kienx accessibbli ghar-rikorrenti. L-aspett procedurali ta' investigazzjoni u accessibbilita` mhuwiex dibattibbli fil-kaz odjern. Infatti r-rikorrenti segwiet b'success kawza civili ghad-danni kontra l-organi

Statali apart li saret ukoll inkjesta magisterjali fil-mewt tad-detenut. Din il-Qorti trid tiddeciedi *sic et simpliciter* jekk in-nuqqas ta' rimedju ghall-danni morali jwassal ghall-applikazzjoni tal-artikolu 13 fil-kaz tallum.

Kif gja spjegat fid-diskussjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti mhix tal-fehma li danni non-pekunjarji huma kkontemplati fl-artikoli applikabbli tal-Kodici Civili, cioe`, l-artikoli 1045 u 1046 tal-Kap.16. Ma taqbilx mat-tezi tal-intimati li l-likwidazzjoni ta' danni abbazi tal-*chances and changes of life* huma danni non-pekunjarji ghaliex din il-komputazzjoni mhi xejn hlief mezz ekwu sabiex il-Qrati taghna jikkalkolaw il-*lucrum cessans*. Danni morali huma per definizzjoni danni ghal *pain and suffering* li jista' jinkludi wkoll it-telfa rizultanti minn luttu (*bereavement)* ghall-membru familjari u l-frustrazzjoni li jsofru applikanti f'kazijiet simili sakemm jghelbu tfixxkil procedurali biex jottjenu rimedju xieraq.

A skans ta' ekwivoku, jinghad li l-eskluzjoni ta' danni morali bhala rimedju fil-ligi Maltija gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz fuq citat fl-ismijiet "**Linda Busuttil v Dr. Josie Muscat noe"** u fil-kaz citat "**Joseph Brincat et. v Policy Manager Malta Shipyards et."**, kif affermat ukoll mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Brincat and Others v Malta."**

Ghalhekk il-problema imposta mir-rikorrenti huwa f'waqtu u jenhtieg li jigi determinat jekk din il-mankanza fil-ligi taghna jikser l-obbligazzjonijiet tal-Istat taht l-artikolu 13.

Dan l-artikolu mhuwiex kontroversjali fl-interpretazzjoni tieghu. Fid-decizjoni recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for***

***Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][18] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 dawn il-principji ingabru fis-segwenti :

*"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II).*[19]"

Id-decizjoni recenti tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Brincat and Others v Malta, deciz fl-24 ta' Lulju 2014**[20] hija aktar appozita billi indirizzat il-kwistjoni ta' danni morali fis-sistema guridika taghna. Il-Qorti bdiet billi enunzjat il-principju li **"***According to the Court's case-law, in the event of a breach of Articles 2 and 3, which rank as the most fundamental provisions of the Convention, compensation for the non-pecuniary damage flowing from the breach should in principle be available as part of the range of possible remedies (see Z and Others v. the United Kingdom [GC], no. 29392/95, § 109, ECHR 2001-V; Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 130, ECHR 2001-III; Paul and Audrey*

---

[18] App Nru 47848/08
[19] Para 148.
[20] App. Nru. *60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 and 62338/11,* para 137

*Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 97-98, ECHR 2002-II and Ciorap v. Moldova (no. 2), no. 7481/06, §§ 24-25, 20 July 2010).* [21]"

Fil-kaz **Reynolds v The United Kingdom**[22] deciz fit-13 ta' Marzu 2012, il-Qorti Ewropea ma llimitatx ruhha biex tiddikjara li kumpens ghad-danni non-pekunjajri kellu jinghata *"in principle"* u sabet lezjoni tal-artikolu 13 flimkien mal-artikolu 2 billi l-applikanti f'dak il-kaz ma kellhiex rimedju civili ghal tali danni.

Din kienet il-fehma tal-Qorti Ewropea wkoll fil-kaz **Bljakaj and others v Croatia**[23] deciz fit-18 ta' Settembru 2014 fejn gie ritenut li "*In particular, when there is an arguable claim of a breach of Article 2 of the Convention, the Court must examine whether civil proceedings for establishing any liability and, if so, awarding non-pecuniary damages were available to the applicant in that respect (see Reynolds v. the United Kingdom, no. 2694/08, § 60, 13 March 2012). However, the "effectiveness" of a "remedy" within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant (see, inter alia, Giuliani and Gaggio v. Italy [GC], no. 23458/02, § 336, ECHR 2011 (extracts)).*

Madanakollu l-Qorti Ewropea, fl-ezami tal-artikolu 13, tqies li dan l-artikolu jkun soddisfatt anke jekk ir-rimedju effettiv jinkiseb *b'aggregate of remedies.* Fil-kaz **Brincat and Others v Malta,** fuq citat, il-Qorti, wara li ezaminat il-qafas legali Malti in materja, irriteniet li dan joffri rimedji fuq zewg binarji, dak ordinarju civili ghad-danni materjali (*damnum emergens u lucrum cessans)* kif ukoll rimedju ghad-danni non-pekunjarji quddiem il-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom[24].

---

[21] Para 59.
[22] App. Nru. *2694/08*
[23] App. Nru.. *74448/12*
[24] Ara ad. ez. *Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Malta*, nru. 26771/07, § 69, 5 April 2011, re Article 1 of Protocol No. 1,u *Zarb v. Malta* nru 16631/04, § 51, 4 July 2006, re Article 6.

Dan il-hsieb gie imfisser hekk "*However, noting the strong affinity between Article 35 § 1 and Article 13, the Court has ruled that if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law may do so (see Čonka v. Belgium, no. 51564/99, § 75, ECHR 2002-I; Kudła, cited above, § 157; T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no. 28945/95, § 107, ECHR 2001-V; and Rotaru v. Romania [GC], no. 28341/95 § 69, ECHR 2000-V)."*[25]

Mil-lat prattiku jaghmel aktar sens li r-rimedju ghad-danni morali jigi inkorporat fil-ligi ordinarja sabiex l-indagni ssir mill-Qrati ordinarji waqt li jkunu qed jinvestigaw is-sejbien ta' responsabbilita` u l-likwidazzjoni tal-kumpens xieraq.

Madanakollu b'riferenza ghat-talba odjerna, din il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jimponix obbligazzjoni fuq l-Istat Malti li jintroduci sistema ta' kumpens ghad-danni morali jew non-pekunjarji f'kazijiet ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali billi tali rimedju jezisti u jista' jinkiseb fis-Sede Kostituzzjonali quddiem il-Qrati taghna.

Ghaldaqstant ghalkemm ikun desiderabbli li tali riformi jigu prospettati fil-ligi ordinarja taghna din il-Qorti fil-kwadru tad-drittijiet konvenzjonali, ma ssibx li hemm lezjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**It-Tielet Talba -** Rimedji Xierqa

Ikkonsidrat li r-rikorrenti gja ottjeniet kumpens mill-Qorti ta' l-Appell ta' Malta fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il ewro (€38,213) rapprezentanti danni pekunjarji (*damnum emergens u lucrum cessans)*.

---
[25] para 56.

Din il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha fl-apprezzament tar-rimedju li ghandu jigi ordnat dejjem fil-perspettiva tal-fatti tal-kaz in ezami.

Ikkonsidrat li Carlos Chetcuti miet intortament fl-eta` zghazugha ta' 25 sena. Dan kollu kien il-bazi tal-mekkanizmu adoperat mill-Qrati Civili fil-kalkolu tad-danni materjali.

Ikkonsidrat izda li r-rikorrenti mhix omm id-decujus u l-istatus taghha quddiem din il-Qorti illum tidderiva mill-fatt li hija l-eredi ta' Vincent Chetcuti, missier Carlos, li miet fil-mori tal-proceduri civili. Ma jirrizultax li kienet dipendenti tad-decujus u lanqas li kien hemm xi affinita affettiva bejnha u bejn iz-zghazugh ghajr ghar-rabta familjari li tezisti bejn zija u neputi. Mkien mhu qed jigi allegat li hi soffriet trawma u xi tbaghtija emottiva rizultanti mill-mewt tan-neputi taghha.

Il-Qorti, wara li rat l-ammonti likwidati mill-Qorti Ewropea favur genituri tad-decujus (GBP 20,000 fil-kaz ta' Paul and Audrey Edwards v UK; u €25,000 fil-kaz ta' Tarariyeva v Russia), u favur l-armel, tfal u l-ahwa tad-decujus (€20,000 bejniethom fil-kaz Bljakaj and others v Croatia) tqies li, tenut kont il-fatturi kollha fuq enuncjati, ghandha tillikwida l-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) ghad-danni non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti.

## V **<u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li **Tichad** l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, **Tilqa'** r-raba’ eccezzjoni tal-intimati, u **tichad** l-eccezzjonijiet rimanenti in kwantu li dawn mhumiex kompatibbli mad-decizjoni ta' din il-Qorti u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

**1) Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li minhabba li l-Istat ma hejjiex sistema ta' kura adegwata gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll minhabba li kien l-Istat stess li b'negligenza kkawza l-mewt ta' Carlos Chetcuti fit-22 ta' Frar 1995 waqt li kien inkarcerat gewwa l-imsemmija Facilita` gie lez id-dritt fundamentali ta' Carlos Chetcuti ghal protezzjoni tal-hajja hekk kif sancit fl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 33 tal-Kostituzjoni ta' Malta.

**2) Tichad** it-tieni talba.

**3) Tilqa'** it-tielet talba u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala kumpens non-pekunjarju ghad-drittijiet lezi.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------